

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Settembru 2009

li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/48/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-iprovalicarb, il-prosulfuron u s-sulfosulfuron bħala sustanzi attivi

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6612)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/685/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/48/KE⁽²⁾ fiha żbalji dwar il-perjodu ta' inklużjoni tas-sustanzi attivi: iprovalicarb, prosulfuron u sulfosulfuron. Dawn l-iżbalji jridu jiġu kkoreġuti.
- (2) Il-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 2002/48/KE hu kkoreġut kif ġej:

- (1) Fl-entrata għal iprovalicarb fis-sitt kolonna, il-kliem "30 ta' Ġunju 2011" jinbidlu bil-kliem "30 ta' Ġunju 2012".
- (2) Fl-entrata għal prosulfuron fis-sitt kolonna, il-kliem "30 ta' Ġunju 2011" jinbidlu bil-kliem "30 ta' Ġunju 2012".
- (3) Fl-entrata għal sulfosulfuron fis-sitt kolonna, il-kliem "30 ta' Ġunju 2011" jinbidlu bil-kliem "30 ta' Ġunju 2012".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 148, 6.6.2002, p. 19.